MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tal-21 ta' Frar, 2003

Talba Numru. 788/2002/1

**Avviz Numru 788/02 AJD**
**Vodafone Malta Limited**

**vs**

**RJ Attard & Co. Limited**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-3 ta’ April 2002 fejn gie mitlub li s-socjeta’ konvenuta tigi kkundannata thallas lis-socjeta’ attrici s-somma ta’ erba’ mija u tlieta u hamsin lira Maltin u tnejn u sittin centezmu (Lm453.62) rapprezentanti hlas ghal servizzi rezi mis-socjeta’ attrici lis-socjeta’ konvenuta konnessi mal-‘mobile phones’ bin-numru 99427996 u 99476967.
Bl-ispejjes u bl-interessi mid-data meta kien dovut l-ammont rikjest fit-talba sad-data tal-pagament.

Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta fejn hija eccepiet is-segwenti:-
Illi l-ammont pretiz mhux dovut lis-socjeta' attrici ghal servizzi rezi in konnessjoni ma' linja u uzu tan-numri tal-'mobile' 99427996 u 99476967 u dank if ser jigi pruvat ahjar waqt dawn il-proceduri.
Salv eccezzjonijiet ulterjuri.
Bl-ispejjes kontra l-attur nominee.

Sema' x-xhieda ta' Sharon Calleja, r-rapprezentanta tas-socjeta' attrici li spjegat li s-socjeta' konvenuta fil-fatt kellha tlett linji mas-socjeta' attrici u cioe' in-numru 9949 7996 fuq liema ghadu dovut l-ammont ta' Lm63.63, in-numru 99427996 fuq liema ghadu dovut l-ammont ta' L360.37 u n-numru 99476967 fuq liema ghadu dovut l-ammont ta' Lm29.62. L-ewwel numru ma giex indikat mis-socjeta' attrici fl-Avviz tat-Talba izda l-istess socjeta' attrici prezentat il-kuntratt relattiv debitament iffirmat mis-socjeta' konvenuta. Inoltre Sharon Calleja kkonfermat bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu dovut.

Illi s-socjeta' konvenuta, nonostante li nghatat diversi opportunitajiet li taghmel dan, naqset milli tressaq provi in sostenn tal-eccezzjonijiet minnha sollevati fir-risposta.

Ghaldaqstant, peress li t-talbiet attrici jirrizultaw soddisfacentement pruvati, t-Tribunal jilqa' t-talbiet attrici u konsegwentemetn jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erba' mija u tlieta u hamsin lira Maltin u tnejn u sittin centezmu (Lm453.62), bl-imghaxijiet pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' din l-istanza jithallsu nterament mis-socjeta' konvenuta skond il-ligi.

**Dr. Audrey J. Demicoli**
**Gudikatur**

---------------------------------TMIEM---------------------------------